**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 11 ta' Settembru 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 78

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 78 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 10 ta' Settembru 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
78.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
78.5 Rapporti;
78.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
78.7 Approvazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti QLC – SSC 49/18 - Offerti għas-Servizz ta' Tindif u Knis mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;
78.8 Proposta sabiex jiġu stabbiliti parametri tal-ippjanar u għoli tal-bini fost l-oħrajn, fi Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro u Triq Dun Nerik Mahoney;
78.9 Trasport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fiż-Żurrieq nhar ta' Ġimgħa;
78.10 Talbiet mir-Residenti;
78.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
78.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-78 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 17 t'Awwissu 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

78.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

78.1.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia bagħat ittra t'apoloġija li ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet mediċi.

78.1.2 Is-Sindku David Schemrbi f'isem il-Kunsill Lokali awgura fejqan ta' malajr lill-Kunsillier Daniel Farrugia

78.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

78.2.1 Il-Minuti tas-77 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsilliera Daniela Farrugia.

78.2.1.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti.

78.2.1.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

78.2.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li dwar Minuta 77.3.12.2 huwa għamel kuntatt ma' dan il-lokal imma jidher li ser tkun diffiċli ħafna sabiex nidħlu f'ġemellaġġ ma' din il-lokalità partikolari u allura jkun aħjar li ma nkomplux nuru l-interess tagħna f'dan il-possibilment ġemellaġġ.

78.2.2.1 Żied li barra minn hekk l-applikazzjoni kienet ser tagħlaq malajr u ma kienx hemm ċans li timtela' bl-aħjar mod possibbli.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 78.3, 78.4 u 78.5 jiġu diskussi wara Minuta 78.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 78.6 AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

78.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li sa mill-1 ta' Settembru reġa' beda x-xogħol fuq is-sit ta' kostruzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid u fil-preżent qiegħed isir xogħol ta' skavar.

78.6.2 Spejga kif kien hemm problema żgħira mal-Awtorità tal-Ippjanar minħabba l-bankina, u wara li oġġezzjonajna ħafna minħabba li l-bankina ser tkun bla użu, il-PA baqgħu joġġezzjonaw min-naħa tagħhom minħabba l-liġi preżenti.

78.6.3 Żied li apparti dan għamlulna *Stop Notice* imma appellajna minn din id-deċiżjoni u nemmnu li s-sens komun għandu jirbaħ, b'mod speċjali f'dan il-każ.

78.6.4 Saħaq li l-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li jżomm dan is-sit ta' kostruzzjoni sikur, u allura l-aħħar ħaġa li nixtiequ nagħmlu hi li ssir din il-bankina fejn inkunu qiesna qegħdin inħeġġu lin-nies jersqu viċin dan is-sit.

## 78.7 APPROVAZZJONI DWAR IS-SEJHA GHALL-OFFERTI QLC – SSC 49/18 – OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' TINDIF U KNIS MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI

78.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li ltaqa' l-Bord t'Evalwazzjoni dwar dan it-tender.

78.7.2 Spjega kif b'kollox kien hemm żewġ offerti u l-Bord t'Evalwazzjoni pprepara rapport li ġie mressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali.

78.7.3 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia pproponiet li l-Kunsill Lokali għandu jaċċetta dan ir-rapport u l-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda.

78.7.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament fuq dan ir-rapport.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 78.8 PROPOSTA SABIEX JIĠU STABBILITI PARAMETRI TAL-IPPJANAR U GĦOLI TAL-BINI FOST L-OĦRAJN FI TRIQ MONSINJUR ĠUŻEPPI DE PIRO U TRIQ DUN NERIK MAHONEY

78.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar dwar triq li parti minnha għadha mhijiex żviluppata, b'referenza għal parti minn Triq Dun Nerik Mahoney u Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro.

78.8.2 Qal li jidher li l-Awtorità tal-Ippjanar qiegħda tipproponi li jiġu stabbiliti parametri differenti fuq dan il-bini, jiġifieri li aktar milli jkun hemm bini fil-wisa', ikun hemm bini fl-għoli.

78.8.3 Spjega kif il-problema hi li dan il-bini ser jaħbat mad-dahar taċ-ċentru storiku tal-Qrendi, meta tqis li hemm ukoll it-Torri tal-Kaptan u jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali ser jagħti din l-approvazzjoni, allura l-bini ser jiġi jistona, ser ikun għoli ħafna u l-lokal ser jibda jitlef l-identità tiegħu.

78.8.4 Żied li diversi residenti mill-akwati tkellmu miegħu w urew il-ħsibijiet tagħhom dwar dan l-iżvilupp.

78.8.5 Qal li bħala Kunsill Lokali għandna sal-Ħamis 4 t'Ottubru 2018 sabiex nissottomettu l-ideat tagħna dwar din il-proposta.

78.8.6 Is-Sindku ppropona li bħala Kunsill Lokali m'għandniex naċċettaw żvilupp li ma jkunx sostenibbli għaliex bħala lokalità m'aħna se nibbeneifkaw xejn. Spjega kif probabbli ser jiżdiedu l-problema tal-parkeġġ, tal-iskart, u problemi oħra li jġibu magħhom diversi residenzi ġodda fl-istess żona.

78.8.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li apparti l-problema tal-għoli hemm ukoll il-problema tal-ilma tax-xita, b'mod speċjali għal residenzi oħra, kif ukoll ser jiġu affettwati diversi residenzi li meta xtraw darhom ma kenux infurmati bi żviluppi simili.

78.8.8 Żied li din il-binja ser tkun tmiss eżatt maż-żona rurali tal-lokal, kif

ipproponuta mill-Awtorità tal-Ippjanar.

78.8.9 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali jindaga sewwa fuq dawn il-parametri ta' żvilupp, u l-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda.

78.8.10 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 78.9 TRASPORT GĦAĊ-ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM FIŻ-ŻURRIEQ NHAR TA' ĠIMGĦA

78.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li dwar din il-materja diġa' bdejna nitkellmu fil-laqgħa li għaddiet.

78.9.2 Spjega kif nhar ta' Ħamis l-anzjani tal-Qrendi jattendu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li jinsab fiż-Żurrieq u l-prezz tat-trasport jinqasam mal-lokalità ta' Ħal Safi, fejn anke l-anzjani tagħhom jattendu f'dan iċ-Ċentru.

78.9.3 Qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali tal-Qrendi ser jaċċetta li jipprovdi t-trasport ukoll nhar ta' Ġimgħa, dan probabbli jkollu jħallsu l-Kunsill Lokali waħdu minħabba li mill-informazzjoni li għandu, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi mhuwiex se jaċċetta minħabba li għandhom Ċentru ta' Matul il-Jum tagħhom.

78.9.4 Huwa ppropona li niċċekkjaw max-xufier dwar kemm ser jieħu kull nhar ta' Ġimgħa, u l-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda.

78.9.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 78.10 TALBIET MIR-RESIDENTI

78.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li għandna talba għal bankina fi Triq iż-

Żurrieq fejn qiegħed isir il-bini.

78.10.1.1 Qal li f'din il-parti tat-triq irridu noqgħodu attenti għaliex b'bankina oħra ser nispiċċaw innaqqsu l-parkeġġ jew inkella t-triq verament ser tidjieq li żewġ karozzi ma jgħaddux komdi.

78.10.1.2 Żied li hu ma jistax jaċċetta din it-talba għaliex it-triq ser tidjieq.

78.10.2 Is-Sindku tkellem dwar talba għal parkeġġ riservat fi Triq it-Tempesta.

78.10.2.1 Qal li dan huwa każ ta' persuna diżabbli u ppropona li għandna naċċettaw din it-talba.

78.10.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimamnet.

78.10.3 Is-Sindku tkellem dwar talba sabiex isir *scaffolding* fi Triq il-Knisja.

78.10.3.1 Qal li għalkemm dan l-i*scaffolding* jista' jkun fil-kantuniera, mhuwiex ser jaffettwa l-wisa' tat-triq u lanqas il-karozzi li jgħaddu minn Triq il-Kbira, u dan minħabba li x-xogħol ser ikun aktar iffukat fi Triq il-Knisja.

## 78.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

78.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna korrispondenza mingħand is-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva dwar il-Premju Soċjetà Ġusta.

78.3.1.1 Qal li dan il-premju jingħata lil persuni li jkunu għamlu suċċess fl-isport u f'oqsma oħra, avolja jkollhom ċertu restrizzjonijiet.

78.3.1.2 Spjega kif ikun xieraq li nipproponu lil atleta bi bżonnijiet differenti mill-Qrendi, li anke ħa sehem fl-Olimpjadi Speċjali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

78.3.1.3 Qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jaqbel, lil dan l-atleta ninnominawh għal dan il-premju u nissottomettu l-applikazzjoni fil-jiem li ġejjin.

78.3.1.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

78.3.2 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr li qiegħed isir fuq in-niċċa li hemm f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

78.3.2.1 Qal li l-Kunsill Lokali rnexxielu jibbenefika minn €5,000 li ngħataw lill-komunità Qrendija bħala responsabilità korporattiva minn kumpanija li qiegħda ttellgħa binja fil-Qrendi.

78.3.2.2 Żied li barra minn hekk, b'dawn il-flus ser tkun qiegħda ssir *milestone* f'Misraħ il-Maqluba, u kemm ir-restawr kif ukoll il-*milestone* ser jitlestew fil-ġimgħat li ġejjin.

78.3.2.3 Fisser kif in-niċċa li hemm f'Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena tinsab fi stat ħażin ħafna u malli bdew imissuha minħabba r-restawr, mill-ewwel bdiet nieżla biċċa biċċa peress li din kienet intlaqtet minn trakk.

78.3.2.4 Spjega kif ser isiru xi addizzjonijiet sabiex tiġi kif kienet lura fis-snin u qegħdin nistennew li sal-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena ser tkun lesta minn kollox.

78.3.2.5 Kompla jitkellem dwar il-wirja tal-ex-voto li saret fil-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena, u qal li waqt li kien qiegħed hemm innota li r-raġġieri tal-Madonna u tal-Bambin tal-istatwa tal-ġebel li hemm fis-Santwarju kienu miksura u staqsa lill-Kunsill Lokali għall-approvazzjoni sabiex dawn jiġu restawrati.

78.3.2.6 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

78.3.3 Is-Sindku tkellem dwar il-bankina ta' Triq il-Kabiri li qiegħda ssir minn *Infrastracture Malta*.

78.3.3.1 Qal li f'din it-triq għandna problemi kbar li ilhom ġejjin snin twal, imma issa jidher li qegħdin niċċaqilqu u *Infrastructure Malta* ddeċidew li jagħmlu din il-bankina.

78.3.3.2 Qal li ġaladarba qiegħda ssir il-bankina għamilna wkoll talba sabiex din iż-żona tingħata wiċċ ta' tarmak.

78.3.3.3 Spjega kif jekk it-talba tal-Kunsill Lokali tiġi milqugħa, allura ser niffrankaw madwar €8,000 fis-sena f'*patching* li ħafna drabi jsir darbtejn matul is-sena.

78.3.4 Is-Sindku tkellem dwar Triq San Niklaw u qal li parti minn din it-triq tlestiet.

78.3.4.1 Qal li bħalissa għaddej ix-xogħol fuq il-parti l-oħra li mbagħad tiġi tmiss ma' Triq is-Siġġiewi.

78.3.4.2 Spjega kif diversi bdiewa qegħdin igergru minħabba li ċertu ħitan tas-sejjieħ qegħdin iċedu waqt ix-xogħolijiet, imma jidher li dawn ma kenux mibnija sew jew inkella għadda ħafna żmien minn fuqhom, u allura malli qegħdin iqaxxru jew iħaffru t-triq, dawn qed jaqgħu.

78.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Triq l-Imqabba, u qal li hija l-parti tagħna biss li hija lesta.

78.3.5.1 Qal li mhux nippressaw biex isiru l-partijiet l-oħra ta' Triq l-Imqabba u Triq Ħal Millieri minħabba li dawn jaqgħu taħt il-konfini taż-Żurrieq u mhuwiex ġust li aħna noqgħodu nidħlu fuqhom.

78.3.6 Is-Sindku tkellem dwar ir-*railing* tal-*istainless steel* li sar fi Triq iċ-Ċimiterju u li dan sar mad-daħla taċ-ċimiterju.

78.3.6.1 Qal li għalkemm din it-triq taqa' taħt ir-responsabilità tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, għamilnieha aħna għaliex iċ-ċimiterju huwa tal-Qrendi, biss dejjem żammejna lill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq infurmat bl-iżviluppi kollha li kienu qegħdin iseħħu.

78.3.7 Is-Sindku tkellem dwar waħda mill-boċċi li hemm f'Misraħ il-Maqluba u li din intlaqet minn xi vettura jew xi ħaġa oħra għaliex sibnieha

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

maqsuma.

78.3.7.1 Qal li din ser issir mill-MTA u ser tiġi tiswa madwar €700.

78.3.7.2 Spjega kif sal-fiera ta’ San Mattew tal-Maqluba li ser issir il-Ħadd li ġej, din mhux ser tilħaq tkun lesta, u għalhekk irridu npoġġu xi ħaġa madwar il-virga sabiex neliminaw il-periklu.

78.3.8 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 4 tal-ERDF *‘Green Initiatives’*.

78.3.8.1 Qal li bħala Kunsill Lokali qegħdin nipproponu li nsebbħu s-*soft area* ta’ Triq il-Panorama kantuniera ma’ Triq Ħaġar Qim, u għaliha ser ikun hemm ivvutati €70,000.

78.3.8.2 Żied li tlabna wkoll sabiex issir gazebo f’din iż-żona flimkien mal-bankijiet.

78.3.8.3 Spjega li hemm bżonn ikun hemm *project leader* u jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali ma jsib l-ebda oġġezzjoni hu lest jidħol għal dan l-inkarigu.

78.3.8.4 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

78.3.8.5 Fisser kif Heritage Malta ser ikunu qegħdin jiffinanzjaw parti minn dan il-proġett.

78.3.9 Is-Sindku tkellem dwar żewġ kumpaniji li jiġbru l-ħwejjeġ u qal li dawn ġew bi proposti sabiex jiġbru l-ħwejjeġ huma.

78.3.9.1 Qal li hemm min qiegħed jgħid li jagħmlilna l-bins tal-ħwejjeġ biss, u hemm min qiegħed jgħid li jtina xi ħaġa tal-flus kull ftit kilogrammi li niġbru.

78.3.9.2 Spjega kif jekk kemm-il darba ndaħħlu ftit flus minn hekk, inkunu nistgħu nużawhom għall-ġid tar-raħal, f’oqsma differenti.

78.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-programm ‘Malta u Lil Hinn Minnha.’

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

78.3.10.1 Qal li għamlu żewġ programmi, wieħed f'Misraħ il-Maqluba u l-ieħor f'Misraħ is-Santrwarju tal-Madonna tal-Hniena.

78.3.11 Is-Sindku tkellem dwar EkoSkola u qal li dawn tellgħu żewġ avvenimenti tajbin ħafna.

78.3.11.1 Spjega kif waħda minnhom kienet il-Fiera Agrarja, b'esebizzjoni fuq il-ħxejjex, eċċ... u ġimgħa wara saret attività f'Marsaskala fejn il-librerija tal-Qrendi kienet ippreżentata b'numru sabiħ ta' kotba.

78.3.12 Is-Sindku tkellem dwar is-Solar Cinema mtellgħa miċ-*China Cultural Centre*, fejn kien hemm numru sabiħ ta' persuni u qal li kienu verament kuntenti bin-numru ta' nies li attendew għal din l-attività.

78.3.13 Is-Sindku tkellem dwar iċ-Ċentru ta' Riżorsi Helen Keller u qal li bħala parti minn SkolaSajf ħawlu xi pjanti madwar il-lokalità.

78.3.14 Is-Sindku tkellem dwar Triq Wied iż-Żurrieq qal li nbidlu l-cables tad-dawl, imma s'issa għadu ma sarx ir-*reinstatement* tat-triq.

78.3.14.1 Spjega kif dan għadu ma sarx minħabba li tlabna li ssir il-parti kollha tat-triq u mhux biss fejn fetħu, u din kienet aċċettata imma ser tieħu ftit aktar jiem sakemm issir.

78.3.15 Is-Sindku tkellem dwar il-*clean-up* li saret minn *Let's Do It Malta* fejn ħadet ħsiebha is-Sa Marion Parnis bl-għajnuna tal-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud.

78.3.15.1 Qal li kien hemm xi persuni li għenu u naddfu il-lokalità, u b'kollox inġabru mat-tnax-il borża kbira minn triq li naddafna s-sena li għaddiet.

78.3.16 Is-Sindku tkellem dwar il-vaċċin tal-influwenza u qal li għal sen'oħra l-Kunsill Lokali qiegħed jipprovdi dan is-servizz lir-residenti li għandhom minn 55 sena 'l fuq u lil persuni oħra li għandhom kundizzjonijiet speċjali.

78.3.17 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li waslet mill-kumpanija Outlook Coop, fejn dawn jixtiequ jkunu jafu r-rotta li juża l-kuntrattur

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tal-iskart, u dan sabiex isir il-moniteraġġ meħtieġ ġaladarba jibda jinġabar l-iskart organiku.

## 78.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

78.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa dwar dawk li ma kenux id-dar meta tqassmu l-bins tal-*Organic Waste* u kif ser jagħmlu sabiex jakkwistaw wieħed.

78.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li rappreżentanti tal-WasteServ ser jerġgħu jduru l-lokalità, imbagħad wieħed ikun jista' jiġborhom mill-Kunsill Lokali.

78.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar is-siġar tal-Ġnien tal-Warda.

78.4.2.1 Is-Sindku qal li konna kkummissjonajna rapport imma s'issa għadu ma wasalx għandna u ser nagħmlu dak kollu possibbli sabiex dan ikun għandna mill-aktar fis ħalli naraw kif ser nipproċedu.

78.4.3 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ħajt li hemm fi Triq il-Panorama, qrib in-niżla ta' Wied iż-Żurrieq.

78.4.3.1 Qal li kien hemm min issuġerixxa li ċ-ċint jitniżżel u prattikament jiġi parti mit-triq.

78.4.3.2 Is-Sindku qal li din tkellimna dwarha anke f'laqgħat oħra, imma s'issa ma wasalna mkien.

78.4.4 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk jistax isir ftit tarmak fi Triq il-Knisja, minn ħdejn il-latrina pubblika sal-ewwel biċċa tat-triq.

78.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li din kienet diġa' saret madwar sentejn jew tliet snin ilu.

78.4.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet dwar mera partikolari fi Triq il-Panorama.

78.4.5.1 Is-Sindku wieġeb li din mhux ser issir mill-Kunsill Lokali għaliex diġa' hemm mera waħda u din biżżejjed.

## 78.5 **<u>RAPPORTI</u>**

78.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hemm possibiltà ta' ġemellaġġ ma' lokalità fin-naħa ta' fuq tal-Italja.

78.5.1.1 Staqsa jekk huwiex għaqli li nibdew nikkorrispondu magħhom sabiex forsi naslu nagħmlu ġemellaġġ magħhom.

78.5.1.2 Is-Sindku ħeġġeġ lill-Viċi Sindku sabiex jikkorrispondi magħhom u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

78.5.2 Il-Viċi Sindku qal li l-attività tat-28 t'Awwissu f'Għawdex kienet tajba ħafna.

78.5.2.1 Qal li kien hemm xi nies li sfortunatament kellna ngħidulhom li ma jistgħux jattendu minħabba l-limitazzjoni tat-train.

78.5.3 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-bidla fid-data tal-mawra għal Sqallija.

78.5.3.1 Qal li ma setgħetx issir fil-15 ta' Settembru minħabba li l-Papa Franġisku kien Palermo, u allura din ser issir is-Sibt 29 ta' Settembru.

78.5.4 Il-Viċi Sindku qal li hemm il-ħsieb li jiġi organizzat *Buffet Breakfast* f'Novembru, kif ukoll tiġi organizzata ġurnata oħra Għawdex qrib il-15 ta' Diċembru.

78.5.4.1 Qal li probabilment il-*Buffet Breakfast* jiġi organizzat fl-20 jew 21 ta' Novembru 2018.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 78.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

78.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €54,323.09 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/18 u €126.89 skont il-*Petty Cash* Ref V/08.

78.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

78.11.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

78.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 78.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

78.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 15 t'Ottubru 2018 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |